MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 84/2010

Banju Boutique Limited (C16354).

Vs

Vincent Attard (Id. 51765M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u sitt ewro (€3,806.00) minghand il-konvenut, rapprezentanti bejgh u konsenja ta' merkanzija. Bl-ispejjes u bl-imghax mill-1 ta' Awissu 2009 inkluz l-ittra ufficjali numru 5798/09 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni li giet ipprezentata mis-socjeta’ attrici li permezz taghha hija kienet qed tirriduci t-talba taghha ghal tlett elef, tlett mija u sitt ewro (€3,306.00) stante pagament ta’ hames mitt ewro (€500) fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, tlett mija u sitt ewro (€3,306.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------